# Il-knisja tal-Lunzjata
# - Ħaż-Żebbuġ -

Kitba ta' Julian Brincat, Bernard Bugeja, Norbert Crockford
u Dorianne Pellicano.
Studju oriġinarjament bl-Ingliż minn studenti
mid-Dipartiment tal-History of Art and
Faculty of the Built Environment tal-Università ta' Malta.
Żidiet u traduzzjoni għall-Malti minn Noel Ciantar.

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

"*Kull villaġġ żgħir għandu knisja nobbli, imżejna b'mod eleganti bi statwi tal-irħam, damask fin u għadd ġmielu ta' fided. Dawn il-knejjes bil-bosta huma l-aktar knejjes rurali sbieħ li qatt rajt.*"

Hekk kiteb Patrick Brydone fl-1773, vjaġġatur Skoċċiż, fil-ktieb tiegħu A Tour Throughout Scicily and Malta meta fetaħ il-kapitlu dwar Malta (u mbgħad kompla jgħid li kellu jieqaf ftit mill-kitba dak il-ħin għax kellu stuffat ifuħ qed jistennieħ li ma kienx ta' min jitilfu ...).

Il-knisja tal-Lunżjata li hemm f'Ħaż-Żebbuġ tista' faċilment tkun waħda minn dawk li kellu f'moħħu għax taqbel perfettament ma' din id-deskrizzjoni.

## Ħaż-Żebbuġ

Iż-Żebbuġin jirreferu għall-knisja tal-Lunzjata biss bl-isem tat-titular tagħha, jiġifieri sempliċiment "*il-Lunżjata*". Din il-knisja tinsab fit-triq prinċipali li tagħti għall-knisja parrokjali u li tibqa' sejra sa ma' twasslek sal-belt kapitali l-antika, l-Imdina. Ħaż-Żebbuġ jaf il-bidu tiegħu fis-seklu erbatax meta tlett irħula żgħar, dawk ta' Ħal Dwin, Ħal Mula u Hal Muxi,

inagħqdu f'raħal wieħed. Kien il-bini tal-knisja parrokkjali, iddedikata lil San Filippu t'Aġġira, li xpruna l-għaqda bejn dawn it-tlett irħula f'raħal wieħed. Fil-21 ta' Ġunju tal-1777, Il-Gran Mastru Emmanuel De Rohan-Polduc ta t-titlu ta' Città Rohan lil Casal Zebbug. Dan it-titlu prestiġġjuż fisser li Ħaż-Żebbuġ seta' bi dritt jinqata' minn Casal Curmi (Ħal Qormi) u jsir parroċċa għalih bi knisja parrokkjali indipendenti minn kull oħra.

**Il-bidu**

Meta l-monsinjur Dusina żar Ħaż-Żebbuġ fiż-żjara pastorali li kien għamel fil-5 ta' Frar tal-1575, hu sab tnejn u għoxrin knisja żgħira jew rurali barra l-knisja parrokjali. Ħafna minnhom kienu fi stat ħażin u dilapidat u għalhekk iddekonsagrahom u għalaqhom Illum għad fadal biss tlettax minnhom u għaxra huma ddedikati lill-Madonna taħt diversi titoli.

Il-knisja tal-Lunzjata li naraw illum mhix l-istess waħda li kien żar Dusina fiż-żjara pastorali tiegħu. Dik kienet inbniet qabel l-1575. Il-knisja li żar i-monsinjur Dusina kellha bibien tal-injam u barra altar maġġur (li kien għad ma kellux titular), kellha wkoll xi altari mal-ġnub tagħha. Dusina deherlu li ma kenitx fi stat tajjeb u ordna li ma jsirx aktar quddies fiha.

Żewġ persuni kienu marbutin li jiċċelebraw il-festa tal-Lunzjata f'narha. Giuliano Tabone, sid ta' għalqa magħrufa bħala *Bur tal-Andar*, kellu jagħmel tajjeb għall-ewwel vespri u quddiesa. Il-flus kellhom jiġu mill-piż li kien hemm fuq din l-għalqa. L-ieħor, Randino Sayd, kellu obbligi simili bħala piż fuq għalqa magħrufa bħala *Ta' Bert*.

Kif irrappurtat fiż-żjara tal-isqof Garallo fl-1588, apparti l-altar,insibu li l-knisja kellha wkoll pavimentar, titular u bibien tal-injam. Iżda l-bibien ma kellhomx firroll biex jissakkru. Kienet inagħtat l-ordni biex jibdew jissakkru minħabba raġuni ta' sigurtà kif ukoll biex jinxtraw gandlieri u l-antependium. Fiż-żjara pastorali li kien għamel l-istess isqof fl-1594, insiru nafu dettalji oħrajn. It-titular kien juri l-episodju tat-tħabbira tal-anġlu u kien jitqiegħed fuq leġijju li fuqu kellu mpittrin it-tnax-il Appostlu. Kien hemm xi għamara oħra li jidher li ma kenitx ta' kwalità tajba biżżejjed biex tibqa' tintuża. Kien hemm ukoll żewġ gandlieri, antependium tad-drapp li kien impitter u lampier li mid-dehra ma kienx jinxtegħel

Agatha Sayd, il-mara ta' Randino Sayd, kellha għalqa fl-inħawi ta' *Tal-Andar*, fejn kienet bniet dar. Hi kienet refgħet il-piż li semmejna aktar 'il fuq mill-qliegħ minn din l-għalqa, kif kien għamel ukoll ċertu Giacomo Dingli, minn Ħ'Attard li wkoll kellu għalqa fl-inħawi *Tal-Andar*.

Id-devozzjoni lejn din il-knisja kienet żdiedet ħafna sal-1598 meta kien reġa' żarha l-isqof Gargallo fi żjara pastorali oħra. F'din iż-żjara kien ġie rrappurtat li nhar il-festa il-kappillan tar-raħal kien imexxi purċissjoni sa lejn din il-knisja u wara l-ewwel vespri dan Giacomo Dingli, li diġà semmejna, kien jipprovdi ġarra nbid lil dawk preżenti għaċ-ċerimonja.

Meta reġa' żarha l-isqof Tommaso Gargallo fl-1608 hu reġa' semma' l-purċissjoni u l-quddiesa ta' nhar il-festa. L-unika ħwejjeġ li kellha f'dik iż-żjara kien it-titular. L-eredi ta' Mariano Said kienu wirtu l-għalqa ta' *Bur tal-Andar* u mill-qliegħ tagħha kienu jagħmlu l-ewwel vespri bl-ikla ta' wara l-funzjoni (iż-"*żerda*") kif ukoll il-quddiesa ta' nhar il-festa. Il-piżijiet li diġà semmejna u li kien iġorrhom Giacomo Dingli, instab li kien għadu jġorrom dan l-istess Dingli ukoll meta saret din iż-żjara. Minkejja dan, kien ġie deċiż li l–knisja tingħalaq u l-flus mid-dħul tal-piżijiet imur biex il-knisja tiġi restawrata.

Fiż-żjara pastorali tal-1615 li kien għamel l-isqof Cagliares, instab li l-knisja kienet mgħammra b'kull ma kien jeħtieġ. L-altar kellu titular li kien juri l-Lunzjata. kif ukoll gandlieri tal-injam. Il-ħitan kienu mbajdin u kien hemm għadd ta' bankijiet tal-ġebel ("*dukkiena*") fil-ġenb. Is-sid tal-għalqa f'*Ta' Bert* issa kien Alessandro Gatt minn Ħaż-Żebbuġ iżda dan kien iħallas biss għall-quddiesa ta' nhar il-festa. Tlett membri tal-familja Said, li kellhom dar u għalqa magħha ħdejn il-knisja, kienu jġorru l-piż tal-bqija tad-doveri marbutin ma' din il-knisja.

Din il-knisja kienet ingħalqet fl-1658 waqt iż-żjara pastorali tal-isqof Giovanni Balaguer Camarasa iżda fuq talba ta' xi fidili li offrew l jieħdu ħsiebha u jsewwu l-ħsarat li kien fiha, insibu li fiż-żjara tal-isqof Luca Bueno tal-1667, din kienet għadha tintuża taħt ċertu kundizzjonijiet marbutin magħha li kien għamel l-isqof.

Fiż-żjara pastorali tal-isqof Michele Molina fl-1679, insibu li l-prokuraturi ta' din il-knisja kienu Dun Paschalis Cumbo u Pauluccio Agius.

Aktar tard, fiż-żewġ żjajjar pastorali li kien għamel l-isqof Davide Cocco Palmieri fl-1693 u l-1699, jgħidilna lil-knisja reġgħet inbiet bejn dawn is-snin. Il-knisja tlestiet fl-1696 u saż-żjara ta' Cocco Palmieri fl-1699 kienet għadha tintuża. Kien Dun Ġulju Zammit, in-neputi ta' Dun Martinu Zammit li kien ta l-bidu għal din il-knisja, bil-flus li kien wiret meta kien miet zijjuh. Il-werrieta ta' Dun Martinu, li meta miet indifen f'din il-knisja, għamlu kuntratt għand in-nutar Benedetto Vassallo nhar it-22 ta' Mejju tal-1696 fejn daħlu għall-piż li jżommu l-knisja f'kundizzjoni tajba. Il-propjetà ta' Dun Martinu Zammit kienet inqasmet bejn l-erba' neputijiet tiegħu, ulied ħuħ il-mejjet Giorgio Zammit. Fid-dar li Dun Martinu kellu fil-Belt Valletta, kienu instabu madwar elf skud u dawn intużaw fil-bini ta' din il-knisja tal-Lunzjata.

Iż-żjara tal-isqof Davide Cocco Palmeri tal-1696 tagħtina deskrizzjoni preċiża u ddettaljata ta' din il-knisja f'dak il-perjodu. L-orjentazzjoni tal-knisja l-ġdida, dik li għadna naraw illum, kienet differenti mnn dik ta' qabilha. Il-bieb prinċipali issa beda jħares lejn it-Tramuntana. Skont Cocco Palmieri, il-knisja kellha żewġ bibien oħrajn barra dak prinċipali: wieħed iħares lejn il-Lvant u l-ieħor lejn il-Punent. Illum il-bieb li jħares lejn il-Punent huwa mbarrat bil-ġebel

Il-knisja issa kellha koppla li fil-quċċata tagħha kien fiha lanterna bi twieqi tal-ħġieġ biex jidħel id-dawl fiha u b'salib żgħir tal-ġebel fuq il-quċċata. Fuq il-faċċata, Cooco Palmieri ddokumenta li kien hemm l-arma tal-aħwa Gorgio u Martinu Zammit iżda llum, minflok din l-arma, insibu l-istemma tal-Papa. Fuq kull naħa tal-altar kien hemm bieb li t-tnejn jagħtu għas-sagristija. Fuq is-sagristija, kien hemm kamra żgħira li titla' għaliha minn garigor tal-ġebel.

**L-arkitettura tal-knisja, minn barra u minn ġewwa**

Il-knejjes tas-seklu sittax kienu sempliċi u kienu ġeneralment jikkonsistu f'kamra rettangulari imsaqqfa b'saqaf ċatt b'xorok tal-qasba (qies ta' tul) li

jistrieħu fuq arkati, bħalma nsibu, ngħidu aħna, fil-knisja ta' Santu Rokku f'Ħaż-Żebbuġ stess.

Knejjes tas-seklu sbatax, kienu ddisinjati b'mod differenti. Għalkemm kull waħda kellha l-karatteristiċiuniċi tagħha, kellhom ukoll ħafna similaritajiet bħalma huma t-twieqi fil-baxx fuq kull naħa tal-bieb prinċipali u l-elevazzjoni mill-art bi ftit tarġiet. Il-Lunzjata taqsam dawn il-karatteristiċi ma' knejjes oħra f'Ħaż-Żebbuġ li nbnew fl-istess epoka bħalma huma dawk Tal-Abbandunati u Tad-Dawl.

Ta' min jgħid li l-Lunzjata hija l-unika knisja f'Ħaż-Żebbuġ li hija kompletament maqtuha mill-bini ta' madwarha. Ma nafux min iddisinjaha iżda wieħed ma jistgħax ma jinnotax xebħ qawwi mad-disinn tal-knisja tal-Assunta, magħrufa bħala Ta' Mamo, ukoll f'Ħaż-Żebbuġ, u li kien fassalha Lorenzo Gafà. Wieħed jista' għalhekk jaħseb li jekk il-knisja tal-Lunzjata ma kenitx imfassla attwalment minn Gafà innifsu, setgħet kienet infassla minn xi ħadd li kien jaf sew ix-xogħol ta' Gafà. Barra minn hekk, il-fatt li l-knejjes tal-Lunzjata u ta' Mamo huma viċin xulxin f'Ħaż-Żebbuġ, u d-dati tal-bini tagħhom huma wkoll qrib (1696 u 1632 rispettivament) ikompli jsaħħaħ dan il-ħsieb. Niftakru wkoll li Gafà kien influwenti sew f'Ħaż-Żebbuġ tant li anke kien bena s-salib kommemorattiv li hemm quddiem il-knisja parrokkjali ta' San Filep li kien ġie inawgurat 10 snin qabel il-knisja al-Lunzjata jiġifieri fl-1686.

Il-pjanta tal-Lunzjata hija waħda ottagonali, bi tmin naħat, u l-faċċata hija ddekorata b'kolonni imdaħħlin fil-ħitan ("*engaged columns*") fuq kull naħa tal-bieb prinċipali u jibqgħu sejrin hekk anke fil-faċċati tal-Lvant u tal-Punent. Dawn il-kolonni huma tal-ordni ġgantesk ("*giant order*" jew "*colossal order*"), jiġifieri aktar għoljin minn żewġ sulari. Il-kapitali ta' dawn il-kolonni huma ta' stil kompost.

Il-knisja għandha taqsim ċentralizzat, u hija msaqqfa b'koppla ovali li tidher biċċa minnha meta tħares lejn il-faċċata minn barra. Fuq il-bieb priċipali hemm tieqa kwadra u fuqha nsibu l-istemma tal-Papa, li flokha qabel kien hemm l-arma tal-aħwa Giorgio u Martinu Zammit, skont ma' kien irrapporta l-isqof Cocco Palmieri fiż-żjara tal-1696. Il-bieb hu mdawwar bi

gwarniċ sempliċi rettangolari tal-ġebel, filwaqt li t-tieqa ta' fuqu hija mdawwra b'disinn sempliċi f'forma ta' skroll imnaqqax fil-ġebel.

Il-bejt huwa mdawwar bi friż iddekorat u fuq il-faċċata prinċipali hemm pediment segmentali mirfud u mżejjen b'żewġ skrollijiet żgħar. Fuqu hemm salib tal-ġebel. Fil-kantunieri tal-faċċata prinċipali nsibu żewġt anġli tal-ġebel, xi ftit mikulin bit-temp. Il-bqija tal-kantunieri huma mżejnin b'piramida f'forma ta' ġandra.

Il-bibien tal-ġnub, wieħed fuq kull naħa tal-bieb prinċipali, ukoll għandhom tieqa fuqhom. Iż-żewġ twieqi it-tnejn għadhom miftuħin u jiffunzjonaw inkluża dik ta' fuq il-bieb li jħares lejn in-naħa tal-Punent u li lum jinsab imbarrat bil-ġebel. Interessanti hu l-fatt li l-faċċati tal-ġnub huma ddekorati ftit aktar mill-bieb prinċipali għax fuq il-bibien, għalkemm iżgħar minn dak prinċipali, għandhom pediment triangolari meta fuq il-bieb prinċipali m'hemmx. Mhux hekk biss. It-twieqi tal-ġnub ukoll huma ddekorati ftit aktar minn dik ċentrali għax għandhom tundjaturi fil-kantunieri li jagħtu lit-twieqi xeħta ta' salib.

Fuq wara fuq ix-xellug insibu kampnar kemxejn għoli li għad fih xi qniepen. Il-kampnar, li titla' għalih minn taraġ fuq il-bejt, għandu tifsila kdawra u hu mdawwar b'erba' kolonni bi tlett balavostri bejniethom fuq kull naħa. Is-saqaf tal-kampnar huwa ċatt.

Fuq in-naħa tal-Lvant hemm bieb ċkejken ieħor tal-injam li jagħti għal kamra ċkejkna. Dan ukoll għandu tieqa fuqu, li sservi biex titfa' d-dawl fil-kamra. Din il-kamra, li tidħol għaliha minn barra b'erbgħa tarġiet, kellha wkoll tieqa oħra li tħares lejn il-Punent, iżda din, bħall-bieb fuq l-istess naħa, hija mbarrata bil-ġebel.

Fuq in-naħa li tagħti għal Nofs-in-Nhar, hemm bieb sempliċi tal-injam li l-awturi ta' din il-kitba ma setgħux jiftħu u li ma ngħatawx permess jiftħuh. Il-ftuħ li hemm kif iddur mal-kantuniera lejn in-naħa tal-Punent tahom x'jifhmu li dawn huma ventijiet tal-arja għal xi kamra taħt l-art – possibilment il-kripta li fiha hemm midfun Dun Martinu Zammit kif kien qal l-isqof Cocco Palmieri. Iżda la ma setgħux jaraw b'għajnejhom dan huwa

biss spekulazzjoni u jekk tezisti kamra taħt l-art tista' tkun ukoll sempliċiment xi forma ta' xi kantina.

.

**Minn ġewwa**

Minn ġewwa, l-Lunzjata hija mżejna bi stil Barokk u mdawwra bi tmin kolonni mdaħħlin fil-ħajt ("*engaged columns*") iddekorati wkoll bil-kapitelli. Aktar tard, inbniet gallerija tal-injam għall-kor fuq il-bieb prinċipali. Titla' għalih b'taraġ tal-injam Il-kor jgħatti t-tieqa baxxa li tagħti għall-barra fuq in-naħa tal-Punent kif ukoll jgħatti biċċa mill-gwarniċ tal-ġebel tal-bieb prinċipali. Dan juri li l-kor ma kienx maħsub mill-bidu u huwa żieda li saret aktar tard. Il-kor għandu l-monogramma tal-Madonna mnaqqxa fuqu bi prominenza fuq il-panew ċentrali. Taħt il-kor hemm antiporta tal-injam u ħġiieġ u fuq kull naħa tagħha, kif tidħol, hemm fonti tal-ilma mbierek.

Fil-festa, li tiġi ċċelebrata Ħadd wara l-Għid, il-knisja tkun miksija b'damask aħmar. Ikun hemm ukoll il-gandlieri tal-metall, bukketti tal-ganutell u Karti tal-Gloria li jinħarġu wkoll bħala tiżjin tal-festa. Il-linfa l-kbira ċentrali tal-kristall tinkixef mid-drapp li matul is-sena jgħattiha biex ma tintelgħiex bit-trab. L-istess iż-żewġ linef żgħar, ukoll tal-kristall pariġġha, jinkixfu waħda fuq kull naħa tal-altar. Żewġ lampieri tal-fidda jinħarġu mill-ħażna, jitnaddfu u jiddendlu f'posthom biex jinxtegħlu fil-festa.

L-altar maġġur għandu fuqu it-titular, pittura li turi l-Lunzjata, xogħol ta' Stefano Erardi li kien pittru madwar is-sena 1690. Dan il-kwadru huwa mdawwar b'*rederos* imdaqqas li juri disinji ta' skrolli varji u putti minquxin fil-ġebel. Il-ġwienaħ tal-anġli u xi partijiet oħra tar-*rederos* huma ndurati bid-deheb. Fuqu hemm sopra-kwardru li juri lill-Missier Etern. Dan ukoll hu mdawwar bi gwarniċ tal-ġebel iddekorat, b'partijiet minnu ndurati bid-deheb ukoll, li jagħmel parti waħda mir-*rederos* tat-titular ta' taħtu. Dan is-sopra kwadru jistrieħ fuq *cartouche* bil-kliem fuqha bil-Latin li jgħid "*Gloria Praecedit Humilitas*" u "*PROV XV*" li jfissru: "L-Umità tiġi qabel il-Gloria", meħuda mill-Bibbja.

L-altar maġġur hu miksi bl-irħam u huwa stil pre-Konċiljari. Quddiemu hemm altar mejda, tal-injam, li huwa aktar konsonanti mal-liturġija ta' wara l-Konċilju. Fuq kull naħa tal-altar maġġur hemm bieb ċkejken

b'pediment segmentali fuqu. Dawn jagħtu għal passaġġi żgħar li jieħduk fis-sagristija. Fuq il-bieb tax-xellug, fuq il-gwarniċ, hemm il-kitba *"Sliem Għalik Marija"* filwaqt li fuq dak tal-lemin hemm il-kliem "*Bil-Grazzja Mimlija"*. Fuq dawn il-bibien hemm żewġ pitturi mdaqqsin li juru żewġ figuri. Dawn il-kwadri huma mqiegħdin fi gwarniċ tal-injam imqiegħed fi gwarniċ tal-ġebel.

Il-knisja tal-Lunzjata għandha dak kollu li knisja jkollha bżonn għall-espressjoni tal-kult u jinkludu sett ta' kwadri żgħar tal-Via Sagra kif ukoll ambone u leġiju tal-injam. Is-siġġijiet li joqgħodu fuqhom iċ-ċelebranti huma wkoll tal-injam, b'disinn li jikkumplementa l-għamara l-oħra ta' fuq l-altar. Iżda is-siġġijiet tal-fidili huma ħafna aktar foqra, magħmulin b'tubi tal-aluminju u magħqad tal-*plywood* irqiq miksi bil-*formika* kannella, bħalma ġieli konna nsibu fl-antik fl-iskejjel.

Il-knisja għandha wkoll altar sabiħ iddedikat lill-Madonna ta' Lourdes, li jmur lura għall-1876.

**Kwadri artistiċi**

Il-kwadru titolari tal-Lunzjata tpitter minn Stefano Erardi madwar is-sena 1690. Dan jixbaħ ħafna dak li Erardi stess kien pitter xi snin qabel, fl-1677, għall-kunvent tal-Karmelitani tal-Imdina. Dak tal-Imdina huwa artistikament aħjar minn dak tal-Lunzjata ta' Ħaż-Żebbuġ kemm fil-kompożizzjoni tiegħu li turi anke l-Missier Etern kif ukoll fid-dettall għax juri pajesaġġ fl-isfond li jagħti perspettiva aktar fil-fond. Dak tal-knisja tal-Lunzjata jidher aktar ċatt f'dik li hija perspettiva u anke jidher statiku, bla moviment.

Pittura oħra ta' Erardi li wkoll tinsab f'din il-knisja hi dik li turi lill-martri San Ġorġ, bilqiegħda, f'pużizzjoni mhux tas-soltu u li pittirha wkoll madwar is-sena 1690. Hemm ukoll pittura oħra ta' San Ġorġ, muri joqtol id-dragun, li hija rappreżentazzjoni tal-qaddis aktar tradizzjonali. Din tal-aħħar ma nafux min pittirha. Fis-sagristija, imbagħad, insibu pittura oħra ta' pittur mhux magħruf. Din turi lill-Lunzjata u jingħad li din kienet l-ewwel pittura titulari li l-knisja kellha meta nbniet l-ewwel darba. Kemm din kif ukoll dik ta' San Ġorġ u d-dragun huma artistikament inferjuri għal dawk ta' Erardi.

Iżda l-pittura li hemm fis-sopra-kwadru fuq it-titular u li turi lill-Missier Etern turi ċerta eleganza u hija raffinata, anke jekk ukoll ma nafux min pittirha.

Pitturi oħrajn ta'Stefano Erardi huma dik ta' San Girgor Papa, kif ukoll tnejn oħra fuq il-biebien lateral li jagħtu għas-sagristija li juru lil San Martin, isqof ta' Tours fuq il-bieb tax-xellug u l-Papa Ġulju fuq il-bieb tal-lemin. Dawn ifakkru lil dun Martin li bi flusu nbniet il-knisja u dun Ġulju, in-neputi tiegħu, li ħa ħsieb il-bini tal-knisja.

**Graffiti**

Barra dawn ix-xogħolijiet artistiċi, minn barra l-knisja hija nteressanti kemm fl-arkitettura tagħha kif ukoll fl-istorja għax għandha għadd ta' graffiti li jikkumplementaw l-espressjoni artistika li tħaddan fiha. Għalkemm hemm għadd kbir minn dawn il-graffiti, ħafna minnhom huma mgħottija jew parzjalment moħbijin mit-tikħil tal-ħitan. Dawk li jidhru juru tipi differenti ta' bastimenti tal-Ordni ta' San Ġwann bħalma huma l-vaxxelli, it-tartani, il-galeri, il-brigantini u l-galejuni. Dawn jinsabu l-aktar fuq kull naħa tal-bieb prinċipali tal-faċċata kif ukoll mal-ħajt tan-naħa tax-xellug tal-faċċata fejn hemm dak il-bieb fil-ġenb li jagħti għal dik il-kamra ż-żgħira li x'aktarx oriġinarjament kienet ukoll tintuża bħala l-knisja.

Fi kliem Joseph Muscat stess, awtur tal-ktieb "*Graffiti Marittimi Maltin*", *mal-ħajt tal-kampnar instab graffit enormi ta' ġifen ta' qlugħ kwadri tal-Ordni, mifrux fuq seba' filati, jibda mid-disa' waħda 'l isfel. Jidħru tliet ċinet fuq il-buk u fiħom xi toqob bħala tiżjin jew biex jindikaw il-pożizzjoni tal-kanuni. Il-pruwa hi maqtugħa ħesrem għax maż-żmien inbniet opramorta mal-ħajt u l- ingast tagħha mal-ħajt tal-kampnar għattiha. Jidhru sew il-kassra tal-pruwa u il-poppa ħi mnaqqxa hekk biex jidher il-kwadrat tagħha li juri xi tiżjin fuqu wkoll. It-tliet arbli huma armati bi qlugħ kwadri; il-pupress hu mitluf fix-xejn. Il-gabja tal-majjistra hi miftuħa għar-riħ waqt li l-qala' l-kbira tagħha hi mgerba mal-pinnur tagħha. Il-qala' l-kbira hi mifruxa għar-riħ waqt li l-bqija tal-qlugħ ma' jidhrux. Jidhru l-istralji kollha u s-sarsi tal-majjistra u tat-trinkett. Żewġ pendenti kbar iperpru fuq il-majjistra u t-trinkett waqt li l-istandard ta' l-Ordni jidher fuq il-poppa. Ftit li xejn issib*

*graffiti bħal dan u b'xorti tajba kważi ħadd ma jitla' fuq il-bejt ta' din il-knisja li jista' jħalli warajh xi taħżiż li jħassru.* (Nota editorjali: Għażilna li nġibu l-kitba sħiħa tas-Sur Muscat dwar dan il-graffit minħabba li hu deskritt fid-dettall u jużа kliem Malti assoċjat mas-sengħa tal-baħar. Ta' min jinnota wkoll li dan il-graffit juri l-anomalija li l-qlugħ jidhru minfuħin naħa u l-bnadar iperpru lejn in-naħa l-oħra.)

Ta' min jgħid li Ħaż-Żebbuġ, għalkemm kemxejn imbiegħed mill-baħar, fl-1687 kellu tletin kursara rreġistrati li jogħqodu hemm. Bħal oħrajn bħalhom, dawn il-graffiti jistgħu jitqiesu bħala "*pitturi*" ex-voto magħmulin minn xi ħadd li kien salva minn xi traġedja fuq il-baħar iżda li ma kellux mezzi biżżejjed biex iqabbad 'il xi ħadd professjonali biex ipittirlu xi kwadru biex jippreżentaħ lill-knisja bħala ringrazjament tal-ħelsien divin. Għalkemm il-graffiti ġeneralment ma jkunux ta' xi kwalità artistika għolja. xorta għandhom l-importanza tagħhom u jitqiesu bħala espressjoni artistika vernakulari.

**Ħwejjeġ oħrajn**

Inti u tiela' l-garigor dejjaq li jagħti għall-bejt tal-knisja, hemm kamra żgħira li prattikament hija miftuħa għall-elementi. Apparti l-armar tal-festa, fiha hemm gwardarobba li fiha għad ta' kotba antiki ħafna fi stat ħażin ta' preservazzjoni. Fosthom hemm missalli, kotba tas-salmi, kotba tal-innijiet u tal-vespri. Dawn għandhom mużika u kitba antika, illuminazzjonijiet impittra fuqhom u anke inċiżjonijiet. Dawn il-kotba jeħtieġ li bmod urġenti jitneħħew minn hemm u jiġu kkurat u restawrati u jitqiegħdu f'post aktar sikur.

Interessanti wkoll hija n-niċċa esposta għall-elementi f'kantuniera faċċata tal-knisja. Din turi x-xena tal-Lunzjata u wieħed jista' jispekula li din setgħet kienet li xprunat lin-nies tal-akwati biex jibnu l-knisja ddedikata lill-Lunzjata. Jidher li hija eqdem mill-knisja nnifisha għax hija mikula aktar mill-elementi mil-ħitan aktar esposti minnha għat-temp u l-anġli li hemm fuq il-bejt tal-knisja innifisha. In-niċċa turi lill-Madonna, għarkobtejha fuq ġinokjatur, tisma' lill-Anġlu jħabbrilha li ser issir omm Alla. Din ix-xena insab f'arzella u turi wkoll il-ħamiema, is-simbolu tal-Ispirtu s-Santu, li niżel fuq il-Madonna f'dak il-mument.

**Il-knisja lum**

Ma jidhirx li jsir il-quddies b'mod regolari f'din il-knisja, iżda l-armar u d-damask li fiha jidher li l-obbligi marbunin magħha fil-festa tagħha għadhom isiru.